

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 12



## IR-RUŻARJU - L-IŻBANDOLA TA' DAVID

**"Il-qawwa tar-Rużarju hija sproporzjonata mas-semplicità tiegħu. M'hemm l-ebda grazzja li ma tistax tinkiseb, l-ebda Gulija li ma jistax ma jiġix megħlub permezz tar-reċita umli tar-Rużarju. Ma naħsbuhiex darbtejn biex nerġgħu nisħqu pubblikament li aħna nafdaw ħafna fir-Rużarju Mqaddes għall-fejqan tal-ħażen kollu ta' żmienna. Mhux bil-forza, lanqas bl-armi, mhux bil-qawwa umana, imma bil-għajnuna divina li tiġi minn din it-talba, il-Knisja b'saħħitha bħal David bl-iżbandola tiegħu, se jseħħilha tiffaċċja l-għadu nfernali, waqt li ttenni il-kelmiet tar-ragħaj żagħżugħ (David): "Int ġej għalija bix-xabla, bil-lanza u bit-tarka, imma jien ġej għalik f'isem il-Mulej tal-Qtajja, Alla tal-eżerċiti.. u din il-miġemgħa kollha tkun taf li Alla jeħles mhux bix-xabla jew bil-lanza, għax din hi l-battalja tiegħu u se jagħtina lilek f'idejna". (I Sl 17, 45 - 47)**

**Il-Papa Piju XII Ingruentium Malorum**
**15ta' Settembru, 1951**

**Din id-dikjarazzjoni konvinċenti u mimlija kollha fidi, l-Papa Piju XII kien qed jistqarrha sitt snin biss wara t-tmiem tat-II Gwerra Dinjija b'dak kollu li ġabet magħha. Frattant, il-Papa sod iħares lejn l-assalti li jaf li l-Knisja kien se tkompli taffaċċja mistieħa f'din l-iżbandola ta' David f'idejha.**

**"Int ġej għalija bix-xabla, bil-lanza u bit-tarka, imma jien ġej għalik f'isem il-Mulej tal-qtajja, Alla tal-eżerċiti.. u din il-miġemgħa kollha tkun taf li Alla jeħles mhux bix-xabla u bil-lanza, għax din hi l-battalja tiegħu u se jagħtina lilek f'idejna!**

**1 Sl 17, 45 - 47**